# Meta morna ċ-Ċina

Ix-xahar li għadda, kelli l-unur u l-pjaċir li mmexxi delegazzjoni tal-Partit Nazzjonalista lejn iċ-Ċina. Xi wħud mill-avversarji politiċi tagħna tathom ġewwa jaraw ir-rispett illi il-Partit Nazzjonalista jgawdi mal-mexxejja Ċiniżi. Huma jirrispettawna bħala partit fil-Gvern, iżda wkoll minħabba r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ Partiti li bdew formalment fl-1993, iżda li ħadem għalihom Eddie Fenech Adami sa minn qabel, meta mexxa l-ewwel delegazzjoni tal-PN fiċ-Ċina fl-1978, flimkien ma' Ċensu Tabone, Ugo Mifsud Bonnici, Ġorg Bonello Dupuis u Joe Fenech.

Għaliex l-1978? Għax fl-1978 il-Partit Komunist Ċiniż kien beda il-proċess ta' liberaliżazzjoni u ftuħ lejn il-Punent. Irrinunzja għall-iżbalji li kienu saru qabel bir-Rivoluzzjoni Kulturali u l-eċċessi tagħha fis-snin sittin; b'daqshekk ma sirniex Komunisti għaliex delegazzjoni tal-Partit, fl-1978, u fis-snin ta' wara bdiet iżżur iċ-Ċina riformata, fuq stedina taċ-Ċiniżi stess!

Fil-fatt anki matul din iż-żjara f'Ottubru li għadda, jiena u l-membri l-oħra tad-delegazzjoni Dr. John Bonello, Gordon Pisani u Kevin Sciberras, stajna naraw b'għajnejna din l-apertura lejn idejat ġodda, l-aktar fil-qasam ekonomiku. Ir-relazzjonijiet bejn partiti fil-fehma tas-Sur Wu Guanzheng, membru prominenti tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Kommunista Ċiniż, huma bażati fuq erba' prinċipji;

a) Trasparenza
b) Ugwaljanza
c) Indipendenza
d) Ebda indħil fl-affarijiet interni tal-Partit rispettiv;

Xi jfisser dan? Ifisser li l-kuntatt bejn il-partiti ma jġiegħel lil ħadd jirrinunzja jew ibiddel it-twemmin politiku. Huma jibqgħu komunisti għalkemm riformati, u aħna nibqgħu demokristjani. Iżda l-apertura lejn ideoloġiji differenti, saħħet liċ-Ċina, u poġġitha illum fuq quddiem nett f'dak li hu progress ekonomiku.

Il-Gvern Ċiniż apprezza ħafna l-għajnuna li l-Gvern Malti dejjem ta f'kwistonijiet f'fora internazzjonali fejn iċ-Ċina riedet l-appoġġ tagħna. Bħal fil-kwestjoni importanti tal "One China" policy, cioe' li hemm Ċina waħda, anki jekk jistgħu jeżistu fi ħdanha sistemi differenti. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin faħħar lil Malta meta żortu, u qal li l-appoġġ Malti dwar dil-politika kienet "msejsa fuq il-blat" ("rock-firm"); jew inkella l-pożizzjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dwar l-embargo ta' l-armi kontra ċ-Ċina; l-istess japplika għall-appoġġ li Malta tat sabiex il- logħob Olimpiku jsiru fiċ-Ċina fit-2008.

Skantajt meta xi aġenzija tal-aħbarijiet semmiet li Malta tat appoġġ liċ-Ċina dwar il-kwestjoni tat-Tibet. Ngħid skantajt, għaliex meta ridna nappoġjaw iċ-Ċina fejn għandha raġun dan għamilnieh fid-deher. Dwar it-Tibet dejjem sostejna li għandhom jiġu osservati ir-Risoluzzjonijiet tal-Ġnus Magħquda. Fil-fatt fl-ebda mument matul iż-żjara tagħna ma ntalab l-appoġġ tagħna dwar dil-kwestjoni, u fl-ebda mument ma semmejna, bħala delegazzjoni jew individwalment das-suġġett.

Għalhekk dawk li kitbu fil-ġurnali laburisti dwar das-suġġett m'għandhomx raġun; u l-kummenti l-oħra tagħhom dwar ir-relazzjonijiet tajba li hemm bejn Malta u ċ-Ċina fuq bażi ta' Gvern u ta' partit huma pwerili. Ir-relazzjoni tagħna maċ-Cina hi trasparenti.Aħna onoralti li wieħed mill-ikbar pajjiżi fid-dinja żamm ħaj dir-relazzjoni, anki meta nfetaħ għall-Punent, u pajjiżi kbar bdew "jinnamraw" miegħu. Per eżempju, jiena onorat li ftit wara li ġejna lura miċ-Ċina, delegazzjoni mill-Ministeru tal-Ġustizzja Ċiniż, ġiet Malta, u żaret il-ħabs tagħna, u faħħret is-sistema ta' kif immexxu il-Faċiliita' Korrettiva ta' Kordin. Xi ħadd moħħu magħluq kiteb li "m'għandna xejn x'nitgħallmu miċ-Ċina." Apparti il-fatt li din l-istqarrija hija

arroganti, f'dal-każ ġew huma għandna u stqarrew li tgħallmu ħafna minn dak li raw. Hemm xi ħaġa x'tistħi dwar dan?

Sejrin inkomplu inżommu kuntatti mal-Partit fi-Gvern fiċ-Ċina. F'rispett sħiħ reċiproku; b'rispett għall-ideat ta' xulxin; huwa bl-iskambju ta' idejat u persuni li jitbiddlu wkoll l-affarijiet. Jekk xi ħadd jixtieq jara pajjiż kbir bħaċ-Ċina, dejjem iżjed isir membru prominenti u responsabble tal-komunita' internazzjonali, dawn l-iskambji jiżdiedu jridu mhux jonqsu. Dan ikun ta' benefiċċju għal kulħadd, u l-aktar għal paċi fid-dinja.

**TONIO BORG**